MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

### MAGISTRAT DR.

### ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tal-15 ta' Jannar, 2014

Numru 110/2010

Il-Pulizija

(Spettur Godwin Scerri)

vs

Braden Grixti

Jason Dingli

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoniet kontra l-imputati ta' karta tal-identita 104393(M) u 391491 (M) rispettivament, akkuzati talli:

Fit-12 ta' Frar 2010 ghall-habta ta' 9.45pm gewwa City Gate, Floriana, minghajr il-hsieb li joqtlu jew iqeghdu l-hajja ta' haddiehor f'periklu car, kkagunaw hsara fil-gisem jew fis-sahha u cioe offiza ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Adrian Shaw, skont ma ccertifikaw tobba mic-Centru tas-Sahha kif ukoll mill-Isptar Mater Dei;

Ukoll talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, bil-hsieb li jaghmlu delitt, wrew dan il-hsieb b'atti esterni u taw bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt u cioe attentat ta' offiza gravi fuq il-persuna ta' Ryan Aquilina, liema delitt ma kienx gie esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta taghhom;

Ukoll talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, kkagunaw hsara fil-gisem jew fis-sahha u cioe offiza ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Ryan Aquilina;

Ukoll talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, hadu parti attiva f'gemgha ta' ghaxra min-nies jew iktar, migburin bil-hsieb li jaghmlureat ghalkemm dik il-gemgha ta' nies tkun giet imxewxa minn hadd in partikolari;

Barra minn dan, Braden Grixti huwa akkuzat talli rrenda ruhu ricediv b'diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mhassra.

Rat in-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali li permezz taghha l-kawza giet rimandata lil din il-Qorti sabiex tiddeciedi fuq il-htija jew nuqqas taghha tal-imputati;

Semghet lill-imputati jiddikjaraw li ma kellhom l-ebda oggezzjoni biexi l-kawza tinstema' u tigi decizi sommarjament;

Semghet ix-xhieda;

Ikkonsidrat

Ai termini tar-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali, entrambi l-imputati huma akkuzati li kkawzaw feriti ta' natura gravi kif wkoll ta' natura hafifa. Il-persuni li mill-atti jirrizultaw li sofrew dawn il-griehi huma certu Adrian Shaw u Ryan Aquilina.

Mill-assiem tal-provi, senjatament mix-xhieda tat-tobba li jirrizulta hija l-ferita hafifa u dik gravi ristretta fili damet iktar minn tletin gurnata biex tfieq.

Fic-cirkostanzi, wkoll billi l-imputat Grixti kellu inqas minn 18-il sena meta sehh ir-reat, filwaqt li ssibhom hatja, wara li rat l-Artiklu 16(1)(d), 221 u 17 tal-Kap 9, tpoggiehom taht Ordni ta' Probation ghal 18-il xahar fir-rigward tal-imputat Grixti u ghal sena fir-rigward tal-imputat Dingli, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kap 446.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------